23 ta' Novembru, 1956

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;***
**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.**
**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Giuseppe Vella Gatt ne. *versus* Giuseppe Darmanin et

## Kuntratt — Formalità tal-Kitba — Prova — Xhieda — Art. 118 tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

*L-art 118 tal-Kodiċi tal-Kummerċ joħloq preżunzjoni fis-sens illi, meta ftehim verbali jsir bl-intiża li għandu jiġi redatt bil-miktub, u l-iskrittura mbagħad ma ssirx, il-ftehim mhux validu; għax meta jiġi miftiehem li l-ftehim verbali kellu jiġi mniżżel bil-miktub, hu preżunt li l-partijiet riedu jassoġġettaw il-validità tal-ftehim għat-tħaris ta' dik il-formalità.*

*Din il-preżunzjoni mhix "juris tantum", imma "juris et de jure", u hija ntiża biex tipprevedi u tiddirimi l-kwistjonijiet fil-kummerċ u għalhekk tipprevjeni l-kawżi; b'mod li dik il-preżunzjoni ma tistax titwaqqa' bi provi testimonjali.*

Il-Qorti; —

Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ li bih l-attur, wara li ppremetta illi bejnu u l-konvenut Darmanin sar ftehim li huwa jagħmel ix-xogħlijiet ta' rikos-

truzzjoni tal-fond Nri. 9 u 10 Triq San Ġużepp, Senglea, u jieħu minngħand il-konvenut Darmanin, oltre l-kumpens dovut mill-War Damage Commission, anki rigal korrispondenti għall-import ta' sena u nofs kera ta' l-istess fond; u illi l-konvenut Darmanin biegħ u ttrasferixxa s-sit danneġġjat lill-konvenut l-ieħor Grixti, li bħala kuntrattur bena l-fond huwa stess, u b'dan il-mod huwa (l-attur) sofra danni, konsistenti fin-nuqqas ta' profitt li seta' għamel fuq ix-xogħlijiet fuq riferiti u fil-perdita tar-rigal fuq imsemmi; talab li l-konvenuti, jew min minnhom, jiġu dikjarati responsabbli tad-danni fuq indikati, minnu sofferti minħabba l-inadempjenza fuq riferita; u l-istess konvenuti, jew min minnhom, jiġu kundannati jħallsu lilu l-istess danni fuq riferiti, fis-somma li tiġi likwidata permezz ta' periti li jiġu nominati f'dan il-ġudizzju jew f'ieħor separat. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-28 ta' Lulju, 1950;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tas-6 ta' Ġunju, 1952, li biha ġiet respinta l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti, sollevata mill-konvenut Darmanin;

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-22 ta' Marzu, 1956, li biha ġiet milqugħa t-talba ta' l-attur, fissens li kkundannat lill-konvenut Grixti jħallas lill-attur issomma ta' £60, bl-ispejjeż kollha tal-kawża u relattivi; wara li kkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok għal dina l-kawża huma, fil-qosor, dawn. Il-konvenut Darmanin, li kien il-proprjetarju talfondi msemmija fl-att taċ-ċitazzjoni, inkariga lill-attur, kuntrattur tal-bini, biex jibni dawk il-fondi, imġarrfin bloperazzjonijiet tal-gwerra, b'mod li minflok terran u mezzanin, kif kienu, isiru tliet appartamenti u ħanut. L-attur kellu jirċievi huwa l-kumpens li tagħti l-War Damage Commission, u għalhekk il-konvenut taħ l-awtorizzazzjoni okkorrenti. L-attur ippreżenta skrittura dwar il-ftehim; iżda din ma ġietx iffirmata;

L-attur jippretendi illi, barra mill-imsemmi kumpens, ma kellu jirċievi xejn aktar; anzi kellu jagħmel l-alterazzjonijiet kollha fuq riferiti għar-riskju tiegħu; però kellu

jieħu sena u nofs kera ta' l-istess fondi li jibni. Il-konvenut Darmanin ma jammettix din il-promessa;

Meta l-attur kien diġà għamel xi xogħlijiet żgħar, il-konvenut Darmanin iddeċieda li jbiegħ il-fondi, u tkellem ukoll ma' l-attur dwar il-prezz li seta' jitlob. Meta l-konvenut Darmanin wasal għat-trattattivi għall-bejgħ tal-fondi lill-konvenut Grixti, huwa ħa fuq il-post lill-konvenut Grixti, sija biex jurihomlu, u sija jurieh ix-xogħlijiet li l-attur kien ġa għamel. Insegwitu, il-konvenuti Darmanin u Grixti ftehmu dwar il-prezz u għamlu l-att tal-konvenju, fejn ġiet inserita l-klawsola fis-sens illi l-pretensjonijiet ta' l-attur kellhom jiġu soddisfatti minn Grixti — liema klawsola ġiet ripetuta fil-kuntratt li sar in atti D'Andria tal-5 ta' April, 1950;

L-għada tal-konvenju, Grixti mar sab lill-attur biex jil-likwida miegħu riferibbilment għall-imsemmijin xogħlijiet li kien ġa għamel, u l-attur f'dik l-okkażjoni qallu li ma kellux relazzjonijiet miegħu, imma ma' Darmanin; li kien għal wiċċ Darmanin li ma kien ried xejn; u wrieh biċ-ċar li kien qiegħed jippretendi kumpens għat-telf tal-profitti li kien sejjer isofri. Grixti rriferixxa dan id-diskors lil Darmanin;

Grixti, li huwa ta' l-istess mestjer ta' l-attur, kellu l-idea li jibni l-post huwa stess; però, in segwitu, biddel l-idea, u biegħ il-fond lil Paolo Pisani, li mbagħad bnihom kif ried b'nies tiegħu. Il-pjanti u x-"schedules", preparati mill-attur, baqgħu għandu u ma servew għal xejn;

Illi l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill konvenut Darmanin kienet dik tal-inkompetenza ta' dik il-Qorti. Dik l-eċċezzjoni ġiet respinta bis-sentenza fuq riferita;

Eċċezzjoni oħra preliminari sollevata mill-istess konvenut hija fis-sens illi "d-domandi tal-attur għar-responsabbiltà tad-danni u likwidazzjoni u ħlas tal-istess danni mhumiex preċiżi, għaliex skond l-art. 1734 tal Kodiċi Ċivili l-appellant jista' jħoll il-kuntratt meta jrid, u għalhekk qatt ma jista' jkun responsabbli għad-danni meta jagħmel dak li tippermettilu l-liġi";

Illi, skond l-artikolu ċitat "min jagħti x-xogħlijiet jista' jħoll, meta jrid, il-kuntratt tal-appalt, billi jħallas lill-appal-

tatur l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu, flimkien ma' somma li tiġi meqjusa mill-Qorti skond iċ-ċirkustanzi, iżda mhux iżjed mill-qliegħ li l-appaltatur seta' jagħmel b'dak l-appalt";

Illi d-domandi ta' l-attur huma evidentement bażati fuq dina d-dispożizzjoni tal-liġi;

Illi din id dispożizzjoni, li tagħti lill-kommittent id-dritt li jxolji l-appalt għall-arbitriju tiegħu, billi jista' jkollu motivi leġittimi u imperjużi li jissospendi l-opra, hija norma ta' dritt eċċezzjonali, billi hija eċċezzjoni għall-prinċipju illi l-konvenzjonijiet ma jistgħux jiġu revokati jekk mhux b' akkordju komuni. Imma l-eċċezzjoni hija ġustifikata, l-għaliex dak li kontra l-volontà tiegħu ssir ir-riżoluzzjoni (l-appaltatur) jiġi, skond l-istess dispożizzjoni, mhux biss indennizzat mit-telf — spejjeż u xogħol — li jikkaġunalu l-inadempiment tal-kuntratt, imma inoltre jottjeni, kollha jew in parti, skond iċ-ċirkustanzi, il-benefiċċji li l-eżekuzzjoni tal-kuntratt kienet tipprokuralu; u dana b'titolu ta' danni lilu rikonoxxuti mill-istess dispożizzjoni, li tissubordina għal dik il-kondizzjoni l-eżerċizzju ta' dik il-fakoltà eċċezzjonali, li b'hekk iġġiegħelha tidħol taħt l-imperu tad-dritt komuni;

Għaldaqstant ma huma xejn inkorretti t-talba tal-attur għad-dikjarazzjoni tar-responsabbiltà tal-konvenuti, jew min minnhom, għad-danni minnu sofferti, għall-likwidazzjoni ta' dawk id-danni, u għall-otteniment tal-ħlas tal-istess danni, lilu spettanti in forza tad-dispożizzjoni tal-liġi fuq riferita minħabba l-eżerċizzju da parti tal-kommittent tal-imsemmija fakoltà eċċezzjonali li jħoll il-kuntratt skond l-arbitriju tiegħu, lilu konċess bl-istess dispożizzjoni;

L-eċċezzjoni, kwindi, hija respinta; bl-ispejjeż kontra l-konvenut Darmanin li ssollevaha;

Illi l-kontendenti ma jagħmlux kwistjoni dwar l-għoti tal-appalt bħall-bini fuq imsemmi mill-konvenut Darmanin lill-attur, u dwar il-fatt illi l-istess Darmanin eżerċita l-fakoltà li jħoll, kif fil-fatt ħall, il-kuntratt. L-attur kwindi għandu d-dritt li jitlob dak li l-liġi tagħtieh bid-dispożizzjoni fuq riferita; u dina t-talba għandu dritt jagħmilha

kontra l-konvenut Darmanin, billi kien dan li kkommettielu l-appalt, u kien huwa li arbitarjament ħall dak il-kuntratt. Il-fatt li fil-kuntratt tal-bejgħ tal-fondijiet minn Darmanin lil Grixti ġie stipulat li d-drittijiet u l-pretensjonijiet tal-attur kollhom jiġu soddisfatti mil-konvenut Grixti ma jiswa xejn di fronti għall-attur, billi dan ma hux parti f'dak il-ftehim;

Illi l-attur ma allegax li għamel spejjeż; u mill-provi jirriżulta li ma jrid xejn — għaliex irrinunzja għall-ħlas għalihom — għax-xogħolijiet żgħar fuq rikordati li ġa kien eżegwixxa meta l-konvenut Darmanin ħall il-kuntratt. L-attur qiegħed jitlob il-profitt li kien jagħmel kieku ġie eżegwit il-kuntratt, kompriż f'dak il-profitt ir-rigal konsistenti fil-ġbir ta' sena u nofs kera ta' l-istess fondijiet rikostruwiti u mikrija — rigal li huwa jgħid li ġie lilu mwiegħed mill-kommittent, jiġifieri mill-konvenut Darmanin;

Illi, riferibbilment għal dan ir-rigal, il konvenut Darmanin jinnega dina l-pretiża promessa da parti tiegħu u, kif sewwa ssottometta l-perit legali, il-provi li oralment saru għalihu dubju dwar il-konklużjoni korretta; però, kif irrileva l-istess perit, mir-relazzjoni tal-perit tekniku irriżulta illi, jekk jitneħħa dan il-kumepns ta' sena u nofs kera, l-attur ma kienx ikollu ebda profitt mill-appalt, anzi kien jista' jitlef bil-bosta, u dana minħabba l-benefikati li kellu jagħmel u li għalihom il-War Damage Commission ma kienetx sejra tħallas, u li kellu jagħmel minn butu. Difatti, minn dik ir-relazzjoni jirriżulta illi l-profitt tal-attur, bla dawk il-benefikati, kien ikun jammonta għas-somma ta' £148.15.5; l-ispiża tal-benefikati kienet tkun......; u kwindi kien jibqa' tellief fis-somma ta' £88.10.0; fil-waqt li billi, skond l-istess relazzjoni tal-perit tekniku, il-kera ta' sena u nofs jammonta għas-somma ta' £148.10.0, kunsidrat u kompriż dan il-kumpens, l-attur kien ikun jista' jikkumpensa biħ it-telfa ta' £88.10.0, u jibqgħalu profitt ta' £60;

Illi, kif sewwa wkoll issottometta l-perit legali, hija aktar aċċettabbli dik il-versjoni li fil-kumpless tagħha tħalli xi profitt, anzikkè dik li kienet iġġib lill-attur perdita kbira bħala konsegwenza inevitabbli tagħha, speċjalment meta wieħed jikkunsidra.........;

Illi, kif ġa ngħad, l-attur jaf lill-konvenut Darmanin għall-imsemmi kreditu tiegħu naxxenti mir-riżoluzzjoni tal-kuntratt......; però, billi ġie konvenut ukoll il-konvenut Grixti, u l-attur għamel it-talba wkoll kontra tiegħu — kontra min minnhom jirriżulta li għandu jħallsu, wieħed jista' jgħaddi biex jistabbilixxi dan il-fatt;

*Omissis;*

Għar-raġunijiet premessi, u kunsidrat li s-somma li l-Qorti tqies li għandha tiġi mħallsa lill-attur għar-raġunijiet indikati fl-att taċ-ċitazzjoni, fondati fuq id-dispożizzjoni indikata, hija ta' £60;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut Pawlu Grixti, li biha dan appella mis-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti tal-Kummerċ tat-22 ta' Marzu, 1956;

Rat il-petizzjoni tal-konvenut appellant, li talab ir-revoka tas sentenza appellata fuq imsemmija u ċ-ċaħda tat-talba tal-attur, bl-ispejjeż b'mod assolut, jew in kwantu diretti kontra tiegħu; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant ġieb bħala l-ewwel aggravju l-fatt li fl-akkordju, li oriġinarjament kien sar bejn l-attur u l-konvenut Darmanin, kien ġie miftiehem li kellha ssir kitba ta' dak il-ftehim, u peress li kitba ma saritx, il-ftehim ma kienx validu. U tabilħaqq, l-attur stess xehed li kien ftihem li jagħmlu "agreement" bil-miktub, iżda l-"agreement" qatt ma ġie firmat, u l-konvenut Darmanin qatt ma kien ra l-"agreement" li kien kiteb l-attur (dep. attur fol. 32-33). Xehed ukoll li l-"agreement" ma kellux jiġi firmat qabel ma tkun lesta l-iskeda għall-preżentata (ibid.). Il-konvenut Darmanin, fix-xhieda tiegħu, ikkonferma li kellhom jagħmlu l-obligazzjoni bil-miktub biex jiffissaw it-termini, u li hu kien bl-idea li l-kitba kellu jagħmilha bniedem legali (fol. 36). Minn dan jidher li tabilħaqq kien hemm il-ftehim li kellha ssir l-obligazzjoni bil-miktub, u l-fatt li kien għad fadal isir ftehim fuq it-terminu juri li l-akkordju kien għadu

mhux komplet, għax fil-fatti t-terminu ma ġie ffissat qatt;

Skond l-art. 118 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, meta jiġi miftiehem li l-ftehim verbali għandu jitniżżel bil-miktub, hu preżunt li huma riedu jassoġġettaw il-validità tiegħu għat-tħaris ta' dik il-formalità. Dik il-preżunzjoni mhijiex "juris tantum", imma "juris et de jure", u hija ntiża biex tipprevjeni u tiddirimi l-kwistjonijet fil-kummerċ, u għalhekk tipprevjeni l-kawżi (ara Debates tal-Assemblea Leġislattiva, Vol. 21 tas-sena 1932-33, p. 737, 2a. col.). U tabilħaqq, li kieku dik il-preżunzjoni kienet "juris tantum", u għalhekk kienet tista' titwaqqa' bi provi testimonjali, l-effett kollu tagħha kien jiġi ridott fix-xejn; għax l-iskop li għalieh saret, li tiddirimi l-kwistjonijiet u tipprevjeni l-kawżi, ma kienx jista' jiġi raġġunt. Huwa risaput li l-awtur tal-abbozz ta' dik il-liġi, li kien il-Professur Carlo Mallia, allura Ministru tal-Ġustizzja, kien irrispekkja ruħu fuq t-tagħlim tal-Vivante, li fit-Trattat tiegħu ppropona għall-eventwali riforma tal-liġi taljana "il ritorno alla dottrina romanistica per cui l'accordo sulla forma si presumeva condizione per l'esistenza del contratto" (Trattato di Diritto Commerciale, no. 1580, p. 75). U d-dottrina romanistica li għaliha alluda Vivante hija preċiżament il-Liġi 17, "de fide instrumentorum" (Codex, IV, 16), fejn Ġustinjanu kien ippreskriva li meta jkun sar il-ftehim li għandu jsir il-miktub, u ma jsirx, "non aliter vires sancimus habere......... ut nulli liceat............ quam haec ita processerunt......... aliquod jus sibi ex eodem contractu vel transactione vindicare";

Ikkunsidrat;

Illi huwa veru li Darmanin ma kienx kummerċjant; iżda l-attur kien kummerċjant, u għalieh l-operazzjoni kienet att kummerċjali, kif ġie rilevat fl-ewwel sentenza tal-Qorti tal-Ewwel Istanza, u għalhekk l-azzjoni tal-attur għandha ssib il-bażi tagħha fil-liġi kummerċjali, fil-waqt li f'dan il-każ fl-art. 118 issib l-esklużjoni tagħha. U tabilħaqq, fl-affarijiet tal-kummerċ tgħodd il-liġi tal-kummerċ (art. 3 Kod. Kummerċjali), u l-attur, bħala kummerċjant, kien marbut b'dik il-liġi fil-ftehim tal-appalt;

Ikkunsidrat;

Illi huwa veru li l-attur beda jagħti eżekuzzjoni lill-ftehim anki min qabel ma kien ġie kompletat il-ftehim bil-fissazzjoni tat-terminu, billi għamel xi xogħlijiet fil-post; iżda b'daqshekk ma rrendiex validu l-ftehim tal-appalt, li kellu jsir bil-miktub u ma sarx. Il-konvenuti riedu, u wrew il-fehma tagħhom li jħallsuħ ta' dak ix-xogħol li l-attur kien laħaq għamel; iżda ma jirriżultax li kellhom il-fehma li jħallsuħ ukoll tal-qliegħ li tilef mit-telfa tal-appalt; tant li mix-xhieda, sew tal-konvenut kemm tas-sensal, jidher ċar li d-diskors li sar qabel u wara l-bejgħ tal-fond kien fuq dak ix-xogħol, u xejn iżjed, għalkemm il-klawsola mifthema fil-kuntratt tal-bejgħ, li biha l-appellant assuma li jħallas lill-attur tal-pretensjoni li dana kellu, hija ġenerika, u għalhekk tikkomprendi kwalunkwe pretensjoni tal-attur. Dina l-klawsola, weħedha, ma setgħetx iġġib rabta tal-appellant fuq l-obligazzjoni tal-appalt, ladarba legalment dik l-obligazzjoni bejn l-attur u Darmanin minħabba l-ftehim tal-kitba ma kienetx valida. Għaldaqstant l-appellant ma kienx obligat joqgħod għall-ftehim tal-appalt li Darmanin ried u fisser verbalment li jrid jagħti lill-attur bil-kondizzjoni tal-miktub; u għalhekk mhux obligat iħallas lill-attur tat-telf tal-qliegħ;

Ikkunsidrat;

Illi minħabba dak li ntqal fuq, ma hemmx għalfejn il-Qorti tara jekk fil-ftehim verbali li sar bejn l-attur u l-konvenut Darmanin kienx hemm ukoll il-ftehim li l-attur kellu jdaħħal sena u nofs kera tal-appartamenti li kien sejjer jibni;

Ikkunsidrat;

Illi fuq il-ħlas tax-xogħlijiet li l-attur kien laħaq għamel fil-post qabel il-bejgħ, l-attur stess xehed li huwa rrinunzja għall-ħlas tagħhom favur l-appellant ( dep. attur fol. 32); u għalhekk il-Qorti ma teħodhomx fil-konsiderazzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti taqta' l-kawża billi tilqa' l-appell tal-appellant Grixti, tirrevoka s-sentenza appellata fil-kap devolut lilha, u tiċħad it-talba tal-attur in-

kwantu diretta kontra l-appellant; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat.